# VINCENZO DIMECH U VINCENZO BUGEJA: ŻEWĠ ARTISTI MARBUTIN MAL-FURJANA

Dr Oliver Friggieri, B.A., M.A., Ph.D.

Żewġ ismijiet li għandhom post prominenti fil-ġrajja kulturali tal-Furjana huma l-iskultur li ħadem l-istatwa ta' San Publju, u l-kompożitur li kiteb iż-żewġ antifoni tal-qaddis u mużika oħra marbuta mal-festa. Huma t-tnejn persunaġġi li għandhom il-prominenza tagħhom fl-istorja artistika Maltija ta' żmienhom, u għalhekk il-Furjana tista' tgħid li ħadet sehem mill-aħjar f'dak li setgħet toffri l-iskultura u l-mużika tas-seklu l-ieħor.









## VINCENZO DIMECH (1768-1831)

Vincenzo Dimech twieled fil-Belt Valletta fid-29 ta' Ġunju 1768 minn Francesco Dimech u martu Siniforosa, u tgħammed l-għada fil-knisja ta' San Duminku, Valletta. Jingħad li missieru kien jaħdem ta' skultur u għalhekk hu beda l-ewwel taħriġ fl-arti taħt it-tmexxija tiegħu, u mbagħad jingħad li ssokta jistudja f'Napli. Huwa miet fil-Belt Valletta fit-2 ta' Frar 1831 u ndifen fiċ-ċimiteru tal-knisja ta' Santa Tereża, Bormla.

Dimech iddistingwa ruħu bħala wieħed mill-iskulturi Maltin ewlenin ta' l-ewwel nofs tas-seklu dsatax, meta ngħata wħud mill-aqwa xogħlijiet uffiċjali ta' skultura li saru.

It-tradizzjoni Furjaniża temmen li Dimech ħadem l-istatwa ta' San Publju fl-ewwel post li hemm fi Triq il-Miratur (illum nru 57, u qabel 55 Strada Miratore), kantuniera bil-bieb nru 11, Triq San Publju. Jingħad li kien imdorri jixrob l-inbid li jnewlulu minn waqt għal ieħor il-Furjaniżi hu u jaħdem l-istatwa (għalkemm kellu uffiċċju tiegħu fil-belt). Safejn hu magħruf, u fin-nuqqas ta' dokument miktub, datazzjoni ta' l-istatwa tistrieħ fuq dak li jingħad minn persuni li jsostnu li lemħu s-sena 1811 u l-inizjali V.D. imnaqqxin f'nofs l-iljun ta' l-istatwa meta dan inqasam bil-ħsara tal-gwerra fit-28 ta' April 1942, meta ntlaqtet il-knisja.

Iż-żewġ xhieda ewlenin li kitbu dan huma Antonio Agius (t. 1899) u E.S. Tonna (t. 1911). E.S. Tonna kiteb ukoll: "Dwar l-istess data Toni Caruana ('Il-Bomba'), li kien prokuratur tagħha, kien sab din id-data fil-ġnub ta' l-iljun meta dan infired mill-korp permezz tal-blast, u qalli huwa stess u wrieni fejn."

Skond Salvu Maggi (1904-1974), li ħalla xi tifkiriet miktubin ta' żmienu, l-istatwa nħadmet minn zokk kbir li jingħad li kien għamel xi żmien mitluq f'xi parti mill-port tal-Marsa wara li ddaħħal hemm mill-maltemp. Meta tnisslet l-idea ta' din l-istatwa, xi Fu... ...niżi tellgħuh b'festa u ħaduh fil-post fejn il-lum hu magħruf bħala l-"Welcome", il-kamra fejn Dimech kellu jibda x-xogħol. Waħda mill-idejn ma ħarġitx miz-zokk imsemmi u saret minn għuda barranija.

## VINCENZO BUGEJA (1805-1860)

Vincenzo Bugeja twieled minn Pietru Pawl Bugeja u minn Antonia Pulis fid-29 ta' Ottubru 1805 fil-parroċċa ta' San Duminku, Valletta, u tgħammed l-għada. Mid-dokument ta' l-Arkivji tal-Kurja, *Stato libero di Vincenzo Bugeja 1842,* fost ħwejjeġ oħra nafu li għall-bidu ta' Frar 1829 telaq minn Malta lejn Napli fejn għadda madwar sentejn u nofs fil-Kulleġġ San Pietro a Majella jistudja l-mużika, u wara li għadda madwar xahar f'Messina, reġa' lura fil-gżira.

Fost ix-xogħlijiet tiegħu li m'humiex ta' xeħta reliġjuża ta' min isemmi **Lodoviska**, *"melodramma semi-serio da rappresentarsi nel Real Teatro di Malta,, per primo spartito nella primavera dell'anno 1832".* Bugeja hu importanti wkoll bħala Surmast tal-Kappella tal-Kattidral. Fost ix-xogħlijiet l-iżjed magħrufa tiegħu hemm l-antifona ta' San Publju, **O Melitae Digna Proles**, jew aħjar iż-żewġ interpretazzjonijiet mużikali magħrufin bħala "l-antifona l-antika" u "l-antifona l-ġdida", li fil-manuskritti tagħhom miżmumin fil-parroċċa tal-Furjana għandhom id-dati ta' l-1844 u ta' l-1860 rispettivament. Huwa miet il-Belt fl-20 ta' Ottubru 1860 fil-parroċċa ta' San Pawl, ta' 54 sena, u ndifen fil-Kattidral. Il-konferma li hu baqa' jaħdem mal-Kattidral sa mewtu toħroġ mill-Arkivji t'hemm stess li jgħidu li l-aħħar ħlas li ngħatalu, għaż-żmien Lulju-Ottubru 1860, kien ta' 106 skudi, 11-il tar u 6 grani. Ħuh Filippu, mużiċista hu wkoll, iffirma f'isem l-armla Antonia u wliedha. (Antonia Naudi, bint Salvatore u Anna Pulis li kienu miżżewġin u jgħammru fil-Furjana, kienet tiġi minnu bit-tieni grad ta' konsangwinita'; huma żżewġu fid-19 ta' Lulju 1842 fil-parroċċa ta' San Pawl, Valletta).

Deskrizzjoni qasira tal-mewt tiegħu hi mogħtija minn "L'ordine" (26/10/1860):

*"Colla notte innanzi al XXI ottobre MDCCCLX spegnevasi un luminare dei nostri tempi. Era Vincenzo Bugeja che di anni LIV spiraca fra le calde lacrime e gli amplessi tremolanti di cinque figli, e fra i singulti di mille amici entrati in sollecitudine di una vita tanto preziosa. Confortato dalla Religione, egli con serenita' di animo riceveva da loro il piu' pietoso addio."*

Minn Pietru Pawl, il-kompożitur li jibda t-tradizzjoni twila ta' din il-familja ta' mużiċisti, sa ibnu Vincenzo, u ħuh Filippo, u minn Rikard, (iben Vincenzo) sa Ċensinu, l-iben waħdani ta' Rikard, hemm katina sħiħa u kostanti ta' qraba mużiċisti; tul perjodu li jibda fit-tieni nofs tas-seklu tmintax u jasal sat-tieni nofs tas-seklu għoxrin din il-familja tat kontribut kbir lill-mużika Maltija. Bħalma jirrakkonta r-Rev. Salv Galea, li f'Ottubru 1972 waqqgħet f'idejh 'l-Kappella Bugeja, iż-żewġ antifoni **O Melitae Digna Proles** tħallew espressament lill-parroċċa tal-Furjana minn Ċensinu Bugeja, jumejn qabel ma miet, jiġifieri jumejn qabel ma hu, miżżewweġ bla tfal, għalaq il-perjodu twil u sabiħ mibdi minn bużnannuh Pietru Pawl, u li aktarx laħaq il-qofol tiegħu b'nannuh Vincenzo.